MT



Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti mibdija fi tmiem il-perjodu ta’ tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-Ġustizzja elettronika, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2022.

# Medjaturi

L-Ingilterra u Wales

Din it-taqsima tgħinek issib medjatur fl-Ingilterra u Wales.

## Kif issib medjatur fl-Ingilterra u Wales

### Direttorju nazzjonali tal-medjazzjoni

Tista' ssib **medjatur ċivili** permezz tad-direttorju onlajn tal-Medjazzjoni Ċivili - Sib Medjatur Ċivili, li jipprovdi tagħrif dwar:

Medjazzjoni

Servizzi

Prezzijiet

Id-Direttorju Onlajn tal-Medjazzjoni Ċivili huwa proprjetà tal-Ministeru tal-Ġustizzja li jieħu ħsieb il-manutenzjoni tiegħu.  Il-medjaturi inklużi fid-direttorju huma akkreditati mill-Kunsill tal-Medjazzjoni Ċivili.

### Direttorju tal-medjazzjoni familjari

L-għan tad-Direttorju Onlajn tal-Medjazzjoni Familjari huwa li jgħin lill-partijiet jikkuntattjaw lil medjaturi fil-lokalità tagħhom. Partijiet eliġibbli għall-għajnuna legali (finanzjament pubbliku) jistgħu jikkuntattjaw ukoll il-helpline tas-Servizz tal-Pariri Legali tal-Komunità għal aktar tagħrif dwar kif isibu medjatur lokali bit-**Telefown**: 0845 345 4345 **Minicom: 0**845 609 6677, **SMS:** "legalaid" u ismek lil 80010.  Wieħed jista' jieħu parir ukoll permezz tas-servizz ta' konsulent onlajn tas-Servizz tal-Pariri Legali tal-Komunità.

### L-aċċess għall-bażi tad-dejta tal-medjaturi huwa bla ħlas?

Iva, l-aċċess għad-Direttorju Onlajn tal-Medjazzjoni Ċivili, id-Direttorju Onlajn tal-Medjatur tal-Familja u s-sit elettroniku tas-Servizz tal-Pariri Legali tal-Komunità huma **bla ħlas**.

### Ħoloq Relatati

Id-Direttorju Onlajn tal-Medjazzjoni Ċivili, Id-Direttorju Onlajn tal-Medjaturi Familjari, Ara tikkwalifikax għall-għajnuna legali, Is-Servizz tal-Pariri Legali tal-Komunità,

L-aħħar aġġornament: 20/04/2015

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.